MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Numru. 1447/2007

Il- Pulzija
(Spettur Jeffrey Cilia)

-vs-

Burgh Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Burgh Spiteri, ta’ 17-il sena, bin missier mhux maghruf u Louise Spiteri, imwieled Pieta’, nhar il-10 ta’ Frar, 1990, residenti 60, Flat 1, Triq l-Isptar l-Antik, Valletta u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 104590(M);

Talli nhar it-22 ta’ Novembru, 2007, f’xi hin matul il-gurnata, fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ mutur tal-ghamla Yamaha 250 bin-numru tar-registrazzjoni FAA 104, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, xorta tal-haga

misruqa u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux l-elf lira Maltin (LM1000) u li sar ghad-detriment ta' Charles Holmes;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar tall rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diverament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(g), 263, 271, 289 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f'l-udjenza mizmuma f'l-24 ta' Novembru 2007 l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u cioe dawk ta' serq aggravat u ta' recidiva; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel ghalhekk l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena tosserva li mill-fedina penali ta’ l-imputat jirrizulta li huwa kien gie misjub hati ta’ serq aggravat darba ohra u tpogga taht ordni ta’ *probation*.

Illi l-Qorti pero in vista ta’ l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, in vista ta’ l-eta ta’ l-imputat li ghadu minorenni, u in vista tal-fatt li mill-fedina jidher li din hija t-tieni kundanna fil-konfront ta’ l-imputat (minbarra ohra ghal ksur tal-paci pubblika), il-Qorti hija disposta taghti lill-imputat l-ahhar opportunita biex jirriforma ruhu minghajr ma jiskonta piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 37, 49, 50, 261(b)(g), 263, 271, 278, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ *probation* ghal tlett (3) snin taht il-kundizzjonijiet li huma elenkati f’l-istess ordni. Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ tlett snin u jekk ma jsegwiex l-ordnijiet imposti fuqu.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza ta’l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------